31983D0471

20.9.1983 IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ L 259/30

ID-DEĊIŻJONI TAL-KUMMISSJONI
tas-7 ta' Settembru 1983
dwar il-Kumitat ta' Spezzjoni tal-Komunità dwar l-applikazzjoni ta' l-iskala ta' klassifikazzjoni għall-karkassi ta' annimali adulti bovini

(83/471/KEE)

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ekonomika Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 805/68 tas-27 ta' Ġunju 1968 dwar l-organizzazzjoni komuni tas-suq tal-laħam u tal-vitella [1], kif emendat l-aħħar mill-Att ta' Adeżjoni tal-Greċja,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 1208/81 tat-28 ta' April 1981 li jistabilixxi l-iskala Komunitarja għall-klassifika tal-karkassi tal-ifrat adulti [2], u b'mod partikolari r-raba' paragrafu ta' Artikolu 5,

Billi r-Regolament (KEE) Nru 1208/81 jipprovdi li għandhom isiru spezzjonijiet fuq il-post minn Kumitat ta' Spezzjoni Komunitarju, sabiex tiġi żgurata applikazzjoni uniformi ta' l-iskala Komunitarja għal klassifikazzjoni fil-Komunità; billi huwa meħtieġ li jiġu stipulati regoli dettaljati għall-implimentazzjoni ta' dawn il-kontrolli fuq il-post;

Billi l-miżuri li jinsabu f'dan ir-Regolament huma skond l-opinjoni tal-Kumitat ta' Ġestjoni tal-Laħam taċ-Ċanga u tal-Vitella.

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Il-Grupp ta' Spezzjoni Komunitarju msemmi f'Artikolu 5 tar-Regolament (KEE) Nru 1208/81, minn hawn 'il quddiem imsejjaħ "il-Kumitat" huwa responsabbli biex jagħmel kontrolli fuq il-post, li jinkludu:

(a) l-applikazzjoni ta' l-arranġamenti li jirrigwardaw l-iskala ta' klassifikazjoni Komunitarja għall-karkassi tal-baqar;

(b) l-ispezzjoni tal-prezzijiet tas-suq skond l-iskala ta' klassifikazzjoni.

Artikolu 2

1. Il-Kumitat għandu jkun kompost minn esperti tal-Kummissjoni u esperti maħtura mill-Istati Membri. Dan għandu jkun presedut minn wieħed mill-esperti tal-Kummissjoni.

L-Istati Membri għandhom jappuntaw esperti fuq il-bażi ta' l-indipendenza u l-abilità tagħhom, partikolarment fi kwistjonijiet ta' klassifikazzjoni ta' karkassi u r-reġistrar ta' prezzijiet tas-suq.

L-esperti ma jistgħu fl-ebda ċirkustanza jużaw għal skopijiet personali jew jikxfu informazzjoni li jkunu kisbu u li tkun marbuta max-xogħol tal-Kumitat.

2. Spezzjonijiet fuq il-post għandhom isiru fi Stat Membru partikolari minn delegazzjoni tal-Kumitat ta' mhux iktar minn sitt membri, skond ir-regoli li ġejjin:

— żewġ esperti tal-Kumissjoni, li wieħed minnhom għandu jaġixxi bħala President tal-Kumitat,

— espert wieħed ta' l-Istat Membru konċernat,

— espert wieħed ta' l-Istat Membru li fit-territorju tiegħu il-Kumitat ikun wettaq l-ispezzjoni preċedenti fuq il-post,

— espert wieħed ta' Stat Membru ieħor li pparteċipa fl-ispezzjoni preċedenti fuq il-post,

— espert wieħed ta' l-Istat Membru li fit-territorju tiegħu il-Kumitat ikun wettaq waħda mill-ispezzjonijiet li ġejjin fuq il-post.

Il-komposizzjoni tal-Kumitat għall-ewwel spezzjoni għandha tiġi deċiża mill-Kumissjoni.

Artikolu 3

1. Spezzjonijiet fuq il-post għandhom isiru f'biċċerija, fi swieq tal-laħam, f'ċentri ta' kwotazzjonijiet ta' prezzijiet u servizzi reġjonali u ċentrali involuti fl-implimentazzjoni tad- dispożizzjonijiet msemmija f'Artikolu 1.

2. Spezzjonijiet fuq il-post għandhom isiru ta' mill-inqas darba f'sena f'kull Stat Membru u jistgħu, meta meħtieġ, jiġu segwiti bi żjarat supplimentari. Għal dawn il-finijiet, għandu jiġi abbozzat programm ta' żjarat ta' spezzjoni mill-Kummissjoni wara li jiġu konsultati l-Istati Membri. Ir- rappresentanti ta' l-Istat Membru fejn issir iż-żjara jistgħu jieħdu sehem fl-ispezzjonijiet.

3. Kull Stat Membru għandu jorganizza ż- żjarat li għandhom jitwettqu fit- territorju tiegħu skond ir-rekwiżiti definiti mill-Kummssjoni. Għal dan il-għan, l-Istat Membru irid jibgħat, 30 ġurnata qabel iż-żjara, programm dettaljat taż-żjarat ta' spezzjoni proposti lill-Kummissjoni, li tista' titlob emendi fil-programm.

4. Il-Kummissjoni għandha tinforma lill-Istati Membri mhux iktar tard minn tlett ġimgħat qabel kull żjara dwar il-programm u t- tmexxija tiegħu.

[1] ĠU L 148, tat-28.6.1968, p. 24.
[2] ĠU L 123, tas-7.5.1981, p. 3.

Artikolu 4

1. Meta titlesta kull żjara, il-membri tal-Kumitat u r-rappresentanti ta' l-Istati Membri fejn tkun saret iż-żjara għandhom jiltaqgħu biex jikkunsidraw ir-risultati. Il-membri tal-Kumitat għandhom imbagħad jiġbdu konklużjonijiet miż-żjara li jikkonċernaw il-punti msemmija f'Artikolu 1.

2. Il-President tal-Kumitat għandu jħejji rapport li jkun fih dettalji taż-żjara u l-konklużjonijiet msemmija fil-paragrafu 1. Ir-rapport għandu jintbagħat lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri kollha kemm jista' jkun malajr u f'kull każ fiż-żmien 30 ġurnata minn meta tkun konkluża ż-żjara.

Artikolu 5

L-ispejjeż ta' vjaġġar u ta' l-għixien tal-membri tal-Grupp għandhom jitħallsu mill-Kummissjoni skond ir-regoli applikabbli għar-rimborż ta' spejjeż ta' vjaġġar u ta' l-għixien ta' persuni li m'għandhomx konnessjonijiet mal-Kummissjoni li jissejħu minnha sabiex jagħixxu ta' esperti.

Artikolu 6

Din id-deċiżjoni hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmul fi Brussel, fis-7 ta' Settembru 1983.

Għall-Kummissjoni

Poul DALSAGER

Membru tal-Kummissjoni